TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru** 1676

**Kaz Nru 2211 HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Joseph Magri**
**u**
**Smart Supermarket**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

2 8 FEB 2006

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-9 ta' Awissu, 2004, biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XX11 tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-Sur Joseph Magri, li minn issa jidher bhala l-Appellent kien assistit mill-Avv. Norma Vella. Ghas-Socjeta intimata dehru s-sinjuri Lawrence Grech u Joseph Caruana assisti mill-Avv. Nicolette Cassar.

Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant jghid, li kien ilu mpjegat mas-socjeta Smart Supermarket Limited ghal erba' snin u nofs bhala cleaner. Huwa jkompli jghid, li matul iz-zmien li kien impjegat mal-Kumpanija huwa qatt ma kellu problemi ma l-impjegati l-ohra u xoghlhu kien jghamlu bil-galbu. Huwa jghid wkoll, li kull meta l-imghallem kien iqabbdu xi haga hu kien dejjem jobdi l-istruzjonijiet moghtija lilhu. L-appellant jghid ukoll, li minghajr ebda raguni valida id-Direttur Lawrence Grech li kien ikollu argumenti ma mpjegati ohra minhabba it-temperament tieghu, kien

jgħatih xogħol f'ammont eżaġerat biex jaqbad miegħu. Huwa jgħid ukoll, li kien żorr ħafna miegħu u jiksru quddiem l-impjegati l-oħra biex jumiljah.

Fl'istqarrija tal-kaz l-appellant jgħid ukoll, li l-incident li wassal għat-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu seħħ fid-19 ta' Lulju 2004, meta waħda mid-diretturi qaltlu li kien għamel xogħol ħażin. L-appellant jgħid ukoll, li fil-pront qabeż Lawrance Grech u qallilha " dak mhux hekk kelmu". Dak il-ħin l-appellant staqsa "Mela kif ?". u Lawrence qabad u qallu hesrem "Qed inkecciek issa stess".

Għas-Socjeta intimata da parti tagħha qalet, li l-appellant kemm il-darba gie mwissi biex jgħamel ix-xogħol tiegħu sewwa u jigi għax-xogħol fil-ħin.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta fl' 1 ta' Jannar 2000, bħala cleaner u l-impieg tiegħu gie tterminat fis-19 ta' Lulju 2004, wara li gie allegat mill-management li ma kienx wettaq id-dmirijiet tiegħu tajjeb fuq il-post tax-xogħol. Quddiem it-Tribunal Industrijali gie allegat ukoll, li l-appellant ma kienx josserva l-ħinijiet tax-xogħol tiegħu. It-Tribunal Industrijali eżamina diversi xhieda u rigward il-ħinijiet tax-xogħol jirrizulta li kien hemm xhieda konflingenti fejn minn naħa tal-management jgħid li l-appellant ma kienx josserva l-ħinijiet tax-xogħol u l-appellant jgħid li hu kellu arrangement mal-management dwar il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax, li l-appellant kien gie mwissi li ma kienx qed josserva l-ħinijiet tax-xogħol tiegħu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant kien gie trasferit minn isfel tas-Supermarket għad-dipartiment tal-Bakery, fejn il-management jgħid, li dan it-trasferiment kien sar għar-raguni biex l-appellant ma kienx jibqa jitlajja fuq il-post tax-xogħol, izda jkun f'post fejn ix-xogħol tiegħu jkun osservat aħjar. Mill-provi jirrizulta wkoll, li b'modd ingenerali ix-xogħol li kien jgħamel fil-bakery kien għas-sodisfazzjon tas-superjur tiegħu.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-incident li wassal għat-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu seħħ fis-19 ta' Lulju 2004, meta l-appellant

ingibditlu l-attenzjoni li t-tarag li kien hasel ma kienx sar tajjeb. Mill-provi jirrizulta ukoll, li ghalkemm l-appellant ma kien ra xejn hazin, izda biex ma jinqalax inkwiet kien lest li jerga jahsel it-tarag. Mill-provi jirrizulta wkoll, li waqt li kienet qed tingibidlu l-attenzjoni intervejna wiehed mid-diretturi u qal lill persuna inkarigata mill-Human Resource management biex lill-appellant ma jkellmuhx bil-kwiet izda biex jitfawh il-barra mill-impieg kif fil-fatt sehh.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citati hawn fuq isib, li d-decizjoni tal-management li jittermina l-impieg ta' l-appellant kienet wahda mghaggla fejn l-appellant ma giex moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant mill-impieg tal-Kumpanija ma saritx ghall-raguni gusta u sufficjenti. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li l-appellant ghandhu jinghata kumpenss ta' LM 450 (erba' mija u hamsin lira Maltin) liema kumpenss ghandu jithallas mill-Kumpanija lill-appellant sa nhar il-Gimgha 17 ta' Marzu 2006.

Ghall-iskop tal-Avviz legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM 40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Vincent Micallef
SEGRETARJU